bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

MAĠISTRAT ANTONIO MIZZI

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Bartolo)
vs
Jude Taddeo sive Teddy Portelli,
iben Carmelo, imwieled Rabat,
Għawdex fit-28 ta' jannar, 1958

Illum, 24 ta' april, 2002

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –

1. talli f'dawn il-Gżejjer, matul il-perjodu ta' bejn it-2 ta' novembru, 1999 u il-15 ta' novembru, 1999 b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda, ikkometta serq ta' flus, kif ukoll ta' 'telecards', liema serq, li sar għad-dannu tad-diriġenti tal-kumpanija Maltacom plc, hu kkwalifkat bil-valur li jiskorri l-elf liri maltin (Lm1,000), bil-mezz u bil-persuna;
2. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn id-19 ta' novembru, 1999 u is-snin ta' qabel din id-data, ikkometta serq ta' oġġett, liema serq li sar għad-dannu tad-diriġenti tal-kumpanija Maltacom plc hu kkwalifkat bil-persuna;
3. talli f'dawn il-Gżejjer, f'xi jum matul il-perjodu ta' bejn id-19 ta' novembru, 1999 u is-snin ta' qabel din id-data, xjentement laqa' għandu jew xtara ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indaħal sabiex ibiegħhom jew imexxihom.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tal-20 ta' awissu, 2001 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista' tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub –

a. fl-artikoli 18, 261(b)(ċ)(d), 263, 267, 268, 278 u 279 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikoli 261(d), 268 u 281 tal-Kodiċi Kriminali;
ċ. fl-artikolu 334 tal-Kodiċi Kriminali;

bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta' din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta' novembru, 2001 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ april, 2002 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-kumpanija Maltacom plc ġiet imħallsa dak kollu dovut u m’għandhix aktar interess fil-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tal-24 ta’ april, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tat-tielet akkuża miġjuba kontra tiegħu u kwindi tilliberah mill-istess akkuża. Issibu ħati tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 18, 261(b)(ċ)(d), 263, 267, 268, 278, 279 u 281 tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Inoltre, wara li rat li l-imputat ikkolabora bi sħiħ mal-pulizija, il-fedina penali tiegħu u il-fatt li hu ħallas dak kollu dovut tirrakomanda li ma jitlifx l-impjieg tiegħu mas-soċjeta’ msemmija.